MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 32/2009

**Dr. Anthony Cutajar LL.D. u l-P.L. Victor Bugeja bhala kuraturi deputati mahtura skond digriet tat-12 ta' Mejju 2009 sabiex jirraprezentaw lill-eredi mhux maghrufa ta' Corrado Giacomini**

**vs**

**Direttur ta' l-Artijiet**

Il-Bord:

Ra r-rikor promutur:

Illi huma gew notifikati b'att gudizzjarju bid-data 14 t'April 2009 (kopja Dok A) li biha l-intimat offra s-somma ta' tmienja u hamsin elf, erba' mija u seba' u sittin Euro u seba' u ghoxrin centezmu (Euro 58,467.27) kumpens ghax-xiri assolut bhala liberu u frank ta' bicca art fil-Kalkara tal-kejl ta' madwar 5,088 metru kwadru li tmiss min-Nofsinhar, mill-Lvant u mil-Lbic ma' proprjeta' residwa

ta’ Igino Trapani Galea u ohrajn u irjieh verjuri skond l-istima u pjanta fl-Avviz tal-Gvern numru 180 ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-1 ta’ Marzu 2007 (kopja Dok B);

Illi l-esponenti ippruvaw jintracaw minn huma l-eredi ta’ Corrado Giacomini, pero sa issa ghadhom ma rnexxielhomx jaghmlu dan;

Illi pero rrizultalhom illi l-ko-proprjetarji l-ohra imsemmija fl-att gudizzjarju anness huma rapprezentati minn Dr. Peter Caruana Galizia, li da parti tieghu informa lill-esponenti li l-klijenti tieghu diga pprocedew b’rikors seperat sabiex ikun determinat kumpens xieraq ghall-art imsemmija. Illi, inoltre dan, l-istess Dr. Caruana Galizia ghada lill-esponenti stima tal-AIC Conrad Thake, liema stima tirrigwarda l-art in kwistjoni (kopja annessa Dok C), mil-liema jirrizutla li l-art imsemmija, fl-intier taghha hija stmata li tiswa €158,205 (mija u tmienja u hamsin elf, mitejn u hamsa Euro);

Illi skond ma gie nfurmat l-esponenti minn Dr Caruana Galizia li l-klijenti tieghu [Robert Anastasi (ID 428655M) ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Ugo Alberto Harvey, Helene Anastasi (ID 373183M), Anna Victoria Rangoni Machiavelli, Bianca Lettizia Rocca, Renata Mango, Antonio sive Tonio Ganado (ID 682037M); Vanni Ganado (ID 722938M), Maria Galea (ID 218649M), Rita Buttigieg (ID 162753M), Maria Grech (ID 147343M), Anna Ganado (ID 246145M), Maria Paris (ID 442651M) Robert Randon (ID 610657M), Anna Camilleri (ID 634455M), Avukat Dr. Philip Farrugia Randon (ID 48049G), Martin Farrugia Randon (ID 355753M), Maria Theresa sive Marisa Ellul Sullivan (ID 208551M) Josephine Farrugia Randon (ID 254746M) bhala uzufruttwarja, Stanley Farrugia Randon (ID 500773M) Roberta Fenech (ID 68176M)] huma proprjetarji b’mod indiviz bejniethom ta’ 444/600 parti ta’ l-art kollha u ghalhekk isegwi li l-esponenti noe jipposjedu kwota indiviza ta’ 156/600 parti ta’ l-art kollha u ghalhekk sehem l-esponenti noe mill-kumpens offert huwa ta’ €15,201.49;

Illi l-esponenti, tenut kont tas-suespost, mhux qeghdin jaccettaw l-offerta ta' €15,201.49 ghal sehemhom noe u qeghdin jitolbu u jindikaw minflok is-somma ta' €41,133.30 (wiehed u erbghin elf, mija u tlieta u tletin euro u tletin centezmu) kif bazata fuq l-istima tal-AIC Conrad Thake tat-18 ta' Lulju 2008 ta' €158,205 ghall-intier;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu li dan il-Bord jiddetermina l-kumpens xieraq dovut lilhom noe ghall-kwota taghhom ta' 156/600 tal-art imsemmija u jaghti dawk id-direttivi kollha necessarji a tenur tal-Artikolu Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi fis-seduta tal-14 ta' Jannar, 2010, l-Bord kien laqgha t-talba tal-intimat sabiex dan ir-rikors jkun allegat mar-rikors 15/2009 u li tinghata sentenza wahda u dan stante li dan huwa espropriju tal-istess art mertu tar-rikors 15/2009 izda fi kwoti li jmissu lil terzi;

Ir-rikorrenti esebew stima ta' l-art mahruga minn perit arkitett li tinsab akkluza a fol.9 tal-process. F'din l-istima hemm indikat li din si tratta ta' art agrikola u li l-valur tal-istess huwa ta' Euro 31.09 kull metru kwadru. Dan il-valur ma jaqbilx mal-valutazzjoni raggunta mill-periti membri ta' dan il-Bord li fir-relazzjoni akkluza mar-rikros 15/2009 jghid hekk:

*Huma ikkunsidraw dan kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta), u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-proprjeta' ghandha tigi meqjusa bhala art agrikola ghal finijiet tal-Ligi, u li l-valur tal-istess proprjeta' bhala libera u franka, u kif deskritta fid-dokumenti esebiti, ghandu jigi iffissar fl-ammont ta' mija u disat elef tmien mija u wiehed u tletin Ewro (€109,831) ta' l-intier…*

Illi ma hemm ebda raguni ghaliex ic-Chairman ghandu jiddipartixxi minn din il-konkluzzjoni u ghalhekk qieghed jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u qed jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilhom ghax-xiri assolut bhala libera u franka tal-bicca art agrikola fil-Kalkara tal-kejl ta’ madwar 5,088 metru kwadru li tmiss min-Nofsinhar, mill-Lvant u mil-Lbic ma’ proprjeta’ residwa ta’ Igino Trapani Galea u ohrajn jew irjieh verjuri skond l-istima fl-Avviz tal-Gvern numru 180 ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-1 ta’ Marzu 2007 (Dok B) fl-ammont ta’ €28,556.06 (is-sehem taghhom ta’ 156/600 parti ta’ €109,831.00) oltre l-imghax sknod il-ligi;

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------